

# FTIT TAGĦRIF DWAR IR-RELIKWIJA TA' SAN FILEP

*mill-Ktieb ta'*

*L. Vella ex-Bandist*

Hekk kif iż-Żebbuġin kienu lestew il-bini tal-Knisja bdew jirsistu biex jakkwistaw Relikwija tal-Qaddis Patrun tagħhom. Iżda ġara li biex il-poplu żebbuġi kiseb biċċa mill-ġisem ta' San Filep kellu jgħaddi ħafna żmien.

Iż-Żebbuġin għalkemm ħabirku kemm felħu l-ħsieb tagħhom qatt ma seta' jirnexxilhom. Għal bosta drabi huma kienu bagħtu jitolbu lill-Kleru u lill-poplu t'Agira biex dawn ma jħalluhomx nieqsa aktar minn tifkira tal-Kbir Qaddis. Biex ihajruhom iżjed baghtulhom bħala rigal lampier sabieħ tal-fidda għal fuq il-qabar ta' San Filep. B'dan kollu huma ma waslu mkien il-għaliex il-poplu t'Agira ma ried bl-ebda mod inaqqas xejn mill-ġisem ta' Filippu minnhom miżmum bħala l-aqwa teżor.

Żmien wara iżda ġara li s-Saċerdot Gianpatist Sagnani li kien ħabib kbir tal-Kavallier Portugiż Antonio Manoel De Vilhena ġie magħżul Kappillan tar-raħal taghna fl-21 ta' Novembru 1705. Minn din il-ħatra ta' kappillan il-ħbiberija ta' bejniethom iktar kibret. Sahansitra meta l-Kavallier Manoel DeVilhena ġie magħżul Gran Mastru tal-Ordni u Sultan ta' Malta fid-19 ta' Ġunju 1722.

Il-Kappillan Sagnani ħataf din l-okkażjoni u ħajjar lill-Gran Mastru jinqeda bis-setgha li biha ġie mżejjen biex jaqta' x'xewqa mqaddsa tal-poplu Żebbuġi billi jġibilhom Relikwija tal-Qaddis Protettur tagħhom. Il-Gran Masatru kiteb ittra lill-Viċi Re ta' Sqallija D. Gioacchino Fernandez li fiha talbu biex jaqlagħlu x-xewqa taż-Żebbuġin minn ghand is-Senat u l-Kapitlu t'Agira. Din id-darba, meta n-nies t'Agira raw daqshekk ħrara rregalaw il-mitluba relikwa u bħala turija tal-kbir rispett li fehmu juru lejn il-Gran Mastru riedu li din tkun dik l-ghadma sħiħa li tiġi bejn il-pala ta' l-id u l-minkeb ta' San Filep.

Deputazzjoni minn Agira marret Palermo u fil-25 ta' Ottubru 1723 fl-attijiet tan-Nutar Lionti ikkonsenjawha lil Viċi Re li dikment bagħtha lill-Gran Mastru De Vilhena. Dan min-naħa tiegħu żamm parti minnha għalih u l-oħra quddiem in-Nutar Gius Callus fit-23 ta' Novembru 1723 offriha lill-Kappillan Sagnani magħluqa fil-famuż Ostensorju li għadu jidher sal-lum. L-għada li nġibet ir-Relikwija fir-raħal tkanta Te deum l-aktar solenni fost il-ferħ tal-Poplu Żebbuġi. Iżda l-ewwel Translazzjoni tar-Relikwija ħallewha għal dħul ir-rebbiegħa biex ikunu jistgħu jiġu ppreparati festi kbar. Din saret propju fil-għodwa tal-25 ta' Marzu 1724 fejn Ħaż-Żebbuġ dak inhar sebaħ imżejjen mill-aqwa.

Meta ż-Żebbuġi, Mons. Franġisku Saverju Caruana ġie maħtur l-ewel Arċisqof Malti dawwar il-kristalla tal-Ostensorju ta' quddiem il-għadma ta' San Filep b'tagħmira tassew insinji ta' tapazzi bħala xhieda ta' qima lejn il-Patrun Tiegħu San Filep.